Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1/1996/2

**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-20 ta' Mejju 2004**

**Citazzjoni numru 1/96 GC**

**Kristinu Giordimaina**

**vs**

**George Giordimaina**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi din il-kawza qieghda issir wara mandat ta' Inibizzjoni numru 3226/95 (AM) maghmul mill-attur kontra l-konvenut u milqugh minn dina l-Onorabbli Qorti fil-4 ta' Dicembru 1995 u l-atti kollha tal-Mandat ta' Inibizzjoni qed jigu prezentati bhala Dokument "Z";

Illi kif juri d-Dokument "A", l-esponent ghandu flimkien ma' ohrajn qbiela ta' tenement 50544 u 50545 moghtija mill-Lands Department dawn huma ndikati fis-site plan - Dokument "B";

Illi kienu qed isiru diskussjonijiet biex il-konvenut jiehu ammont ta' art pero' minkejja li kien sar ftehim dwar il-kwantita' l-partijiet ma kienux ftehmu dwar il-konfini. U peress li ma kienx hemm qbil u qatt ma giet firmata pjanta li turi l-konfini, il-ftehim ma sehhx;

Illi l-esponent ilu juza l-imsemmija raba w ilu fil-pussess taghha sa mill-1978, anzi bit-truck hu jdahhal il-gwiez ghall-annimali li ghandu u ma jistax juza dahla ohra biex jaghmel dan, juzah wkoll biex jghabbi w ihott il-majjali. Jinghad illi dan hu l-uniku access ghas-silos tal-gwiez necessarju ghall-bhejjem;

Illi l-intimat qieghed abusivament jidhol fl-art li qieghda fil-pussess u mqabbla lill-esponent anzi qieghed sahansitra jipprova jzomm lill-esponent milli jidhol, f'din l-art li hi essenzjali ghall-ghixien tieghu;

Illi dwar dan jista' anke jikkonferma ufficjal tal-Lands Department;

Illi l-esponent ghandu fil-pussess tieghu hafna mill-art fil-plots 50545 u 50544 pero' il-parti ndikata bl-isfar turi l-parti fejn il-konvenut qed jidhol fl-art ta' l-esponent b'mod abusiv;

Illi l-attur bir-ragun jibza' li tista' tigri hsara kbira fl-ghelieqi fil-pussess tieghu jekk il-konvenut ikompli jfixklu f'dan il-pussess u jidhol fl-eghlieqi ndikati;

Ghalhekk l-aur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikkjara li l-art indikata bl-isfar fis-Site Plan Dokument "B" qieghda fil-pussess esklussiv tal-attur;

2. Tordna illi jigu mehuda passi necessarji li jidhrilha l-Qorti sabiex jitnehha l-periklu li jista jsofri l-attur, u dan anke billi l-konvenut jigi ordnat biex bl-ebda mod ma jidhol fl-eghlieqi fil-pussess tal-attur u partikolarment dawk indikati bl-isfar fis-Site Plan annessa bhala dokument "B";

Bl-ispejjes kontra il-konvenut li gie ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni odjerna stante li hija bazata fuq premessa li ma ghadhiex in vigore cioe digriet ta' mandat ta' inibizzjoni li kien gie revokat;

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal-premess in-nuqqas ta integrita ta' gudizzju stante li l-kawza odjerna si stratta

ta' proprjeta li ghadha indiviza bejn diversi ahwa ohra oltre ghal-kontendenti;

3. Illi fit-tielet lok u fil-meritu, it-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt kif wkoll fid-dritt u kwindii ghandhom jigu respinti u dana ghar-ragunijiet segwenti:-
a) Illi it-talbiet huma nsostenibbli peress li huma bazati fuq premessi marbuta ma hrug ta' mandat ta' inibizzjoni liema mandat kien gie sussegwentement revokat permezz ta' digriet moghti minn din l-istess Qorti;
b) It-talbiet kif prezentati huma nproponibbli fid-dritt peress illi fl-ewwel lok ma tistax tintalab semplicement sentenza dikjaratorja u fit-tieni lok ma jistax jintalab ordni ta' inibizzjoni definittiva;
c) Illi l-attur ddekada mid-dritt li jipprezenta azzjoni ta' natura possessorja;
d) Illi l-azzjoni hija nsostenibbli wkoll peress li l-proprjeta in kwistjoni ghadha indiviza bejn il-kontendenti u huthom l-ohra;

4. Illi fir-raba lok il-fatti kif esposti fil-premessi tal-azzjoni attrici huma ghal-kollox skorretti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant kontra l-attur rikonvenzjonat fejn gie premess :-

Peress illi l-konvenut rikonvenzjonant jahdem diversi porzjonijiet ta raba li jinsabu fil-Kuncizzjoni limiti tar-Rabat, Malta, maghrufa bhala x-Xaghra ta' Wied Gerzuma u liema raba jinsabu mikrija lilu minghand il-Kummissarju tal-Artijiet in vista ta' cessjonijiet maghmula favur tieghu minghand hutu inkluz l-attur rikonvenzjonat;

Illi l-istess konvenut gie debitament rikonoxxut bhal tali inkwilin tal-istess artijiet mis-sid proprju cioe l-Kummissarju ta l-Artijiet;

Peress illi bi ftehim ma l-ahwa kollha inkluz l-attur rikonvenzjonat gie stabbilit liema parti tar-raba kull wiehed

mill-istess ahwa ghandu d-dritt li jahdem u li jippossjedi ghalih ad eskluzjoni ta' hutu l-ohra;

Peress li l-konvenut rikonvenzjonant messu jahdem u jippossjedi l-artijiet markati bil-kulur blu li jidhru mmarkati fuq pjanta esebita ma proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni li jgib in-numru 4l6/95;

Peress illi l-konvenut rikonvenzjonant dahal fil-pussess u ilu jahdem l-istess porzjonijiet ta' raba ghall-aktar minn ghaxar snin cioe mis-sena l985 l-hawn u dana minghajr ebda inkwiet minghand hadd la mis-sid, il-Gvern u lanqas minghand hutu l-ohra li lkoll kienu jinsabu kuntenti bil-porzjonijiet t' raba li mess lilhom bi ftehim u dana ghalkemm u nonostante li baqa ma gie xejn konkluz u ffirmat b'kuntratt formali ta' divizjoni;

Peress illi f'dawn l-ahhar zminijiet, l-attur rikonvenzjonat beda jippunta biex jibda jidhol f'parti mir-raba imqabbel ghand u mahdum mill-istess esponet, l-odjern konvenut parti minn liema pretenzjoni hija fil-fatt il-meritu tac-citazzjoni odjerna intavolata mill-attur rikonvenzjonat;

Peress illi l-konvenut rikonvenzjonant ghamel diversi rapporti u kwereli fil-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Malta, kontra huh l-attur rikonvenzjonat dwar dan l-agir tieghu pero dan ta' l-ahhar xorta wahda qed jibqa jwebbes rasu u ghadu jippretendi li jaqbad u jidhol fl-ghalqa ta' haddiehor meta u kif infettiellu;

Peress illi dan l-agir abusiv u illegali da parti tal-attur jammonta ghal-molestja fil-pussess tal-immobbli li ghandu u li kellu l-konvenut rikonvenzjonant ghal-dawn l-ahhar ghaxar snin;

Ghalhekk il-konvenut talab li l-attur in rikonvenzjoni jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara lil-konvenut rikonvenzjonant ghandu d-dritt ta' pussess ta' dawk l-immobbli delinejati bil-kulur ikhal fuq il-pjanta hawn fuq indikat;

2. Konsegwentement jigi ordnat li l-konvenut rikonvenzjonant ghandu jinzamm fil-pussess esklussiv ta' dawk l-istess immobbli;

Bl-ispejjes kontra l-attur rikonvenzjonat li gie ukoll ingunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenut hi nulla ghaliex il-konvenut ma harisx ir-regoli li ghandhom jigu imharsa fil-prezentata ta' citazzjonijiet - Art 398(2) - fil-fatt l-art 155 tal-kodici tal-Organizazzjoni jghid li c-citazzjoni ghandha issir bil-miktub skond il-formula stabbilita u dan ma sarx f'dan il-kaz fil-fatt it-taghrif moghti fl-ewwel pagna ta' citazzjoni sabiex isiru l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin jum ma inghatax f'din il-kontro-talba;

2. Illi l-kontro-talba tal-konvenut mhijiex konnessa mat-talba tal-atur kif trid il-ligi cioe skond l-art. 396 tal-kodici tal-procesdura u ghalhekk din il-kontro-talba ghandha tigi michuda - fil-fatt il-kontro-talba mhijiex gejja mill-istess fatt, jew mill-istesss kuntratt jew titolu li minnu gejja it-talba tal-attur;

3. Illi jekk l-azzjoni promotorja hija nulla ghax il-gudizzju mhux integru (li mhuwiex il-kaz) allura anke din il-kontro-talba hija nulla ghall-istess raguni;

4. Illi l-art li taghha qed jitlob dikjarazzoni l-attur jahdimha u ilha zmien twil fil-pussess tieghu;

5. Illi GeorgeGiordimaina ma ghandu ebda raba imqabbla ghandu u dan kif anke jirrizulta mit-8 paragrafu tad-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut fl-eccezzjonijiet;

6. Illi mhux minnu li l-konvenut ghandu xi bicca art mikrija lilu mill-Kumissarju tal-Artijiet jew gie rikonuxxut mill-istess sid;

7. Illi ma kien hemm ebda ftehim jew qbil dwar liema parti kull wiehed mill-ahwa kien ser izomm;

8. Illi mhux minnu li l-konvenut kien messu jahdem u jippossjedi xi artijiet partikolari anke ghaliex qatt ma gie finallizzat ftehim dwar il-konfini u entita ta' art kull wiehed mill-ahwa kellu jiehu; fil-fatt il-pjanta imsemmija mill-konvenut qatt ma giet iffirmata proprju ghax ma kienx hemm qbil;

9. Illi fl-art indikata fic-citazjoni l-uniku possessur huwa l-attur u kien il-konvenut li issa beda jipprova jidhol bi pregudizzju kbir ghall-attur, ghalhekk l-attur kien kostrett jitlob il-mandat ta' inibizzjoni u beda dawn il-proceduri;

10. Illi it-talbiet tal-konvenut juru kemm huma frivoli l-eccezzjonijiet 1, 2, 3a u b;

11. Illi it-talbiet tal-konvenut ma jistghux jigu milqugha anke ghaliex kif iddikkjara il-konvenut stess il-proprjeta in kwistjoni ghadha indiviza bejn il-kontendenti u huthom l-

ohra u ghalhekk wiehed irid jistenna l-ezitu tal-qasma biex jistabilixxi min ghandu jiehu liema partijiet. Sakemm dan jigri l-attur ghandu d-dritt izomm wkoll dik il-parti li dwarha fetah din il-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Frar 2001;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li din il-kawza qieghda issir wara l-hrug ta’ mandat ta' inibizzjoni (numru 3226/95 AM) otjenut mill-istess attur kontra l-konvenut, li jigi huh. L-attur jippremetti li huwa flimkien ma ohrajn, cioe’ hutu kollha, ghandu favur tieghu l-qbiela ta' artijiet kontrasenjati bin-numri 50544 u 50545 proprjeta tal-Gvern ta’ Malta. L-attur ikompli jippremetti li hu u hutu ghadhom ma ftehemux kif ghandha tigi diviza bejnithom l-art in kwestjoni. L-attur jippretendi li ilu juza partijiet mir-raba in kwestjoni sa mill-1978 u ghalhekk l-istess partijiet tar-raba ilhom fil-pussess tieghu minn dak iz-zmien. Dawn il-partijiet huma essenzjali peress li huma l-uniku access ghal partijiet ohra mill-istess raba. L-attur ikompli jippremetti li l-konvenut abusivament qed jidhol fir-raba li hu fil-pussess tieghu u li hu mqabbel lilu u qed izomm lill-attur milli jidhol fl-istess raba u ghalhekk il-konvenut qed ifixxkel lill-attur fil-pussess ta’ partijiet mir-raba in kwestjoni. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-parti in kwestjoni mill-imsemmi raba hi fil-pussess esklussiv tieghu u qed jitlob ukoll li jigi ordnat li l-konvenut bl-ebda mod ma ghandu jidhol f’ dawk il-partijiet tar-raba li jinsabu fil-pussess tal-attur;

Il-konvenut qed jeccepixxi preliminarjament li c-citazzjoni hi nulla stante li hi bazata fuq premessa li nhareg mandat ta' inibizzjoni liema mandat m'ghadux in vigore. Jeccepixxi ukoll li l-gudizju mhux integru stante li l-proprjeta in kwestjoni ghadha indiviza bejn diversi ahwa ohra oltre l-kontendenti. Inoltre l-konvenut jeccepixxi li ma tistax tintalab semplicement sentenza dikjaratorja u lanqas ma tista tintalab ordni ta' inibizzjoni definittiva;

Il-konvenut ikompli jsostni li l-attur iddekada mid-dritt li jipprezenta azzjoni ta' natura possessorja u illi l-azzjoni hi insostenibbli peress li l-proprjeta in kwistjoni ghadha indiviza bejn il-kontendenti u huthom l-ohra;

Il-konvenut approfitta minn dawn il-proceduri sabiex ghamel kontro-talba. Fil-kontro talba l-konvenut ippremetta li huwa jahdem diversi porzjonijiet tar-raba in kwestjoni li jinsab fil-Kuncizzjoni limiti tar-Rabat, Malta, maghrufa bhala x-Xaghra ta' Wied Gerzuma, liema raba hu mikri lilu mill-Kummissarju tal-Artijiet wara cessjonijiet li saru favor tieghu minghand hutu inkluz l-attur rikonvenzjonat. Jippremetti inoltre li huwa gie rikonoxxut bala l-inkwilin mis-sid Kummissarju ta l-Artijiet. Il-konvenut ikompli jippremetti li hu u hutu, inkluz l-attur, stabbilew bejnithom, pero' biss verbalment, liema parti tar-raba kull wiehed minnhom ghandu jahdem u li jippossjedi ad eskluzjoni tal-ohrajn. Il-konvenut indika ukoll liema partijiet mir-raba messu lilu u ppremetta li dawn il-partijiet ilhom fil-pussess tieghu u ilu jahdimhom mill-1985. Il-konvenut jippremetti li l-atur, fl-ahhar zminijiet, beda jippunta biex jibda jidhol f'parti mir-raba li jinsab fil-pussess tieghu. Il-konvenut jippretendi li dan l-agir tal-attur hu abusiv u illegali u jammonta ghal-molestja. Ghalhekk il-konvenut talab li jigi dikjarat li huwa ghandu d-dritt ta' pussess ta' dawk il-partijiet tar-raba li hu ilu jahdem ghal dawn l-ahhar snin u li jigi ordnat li huwa ghandu jinzamm fil-pussess esklussiv ta' dawk l-istess immobbli;

L-attur qed jeccepixxi li l-kontro-talba hi nulla ghaliex il-konvenut ma uzax il-formula stabbilita u ghaliex l-istess kontro-talba mhux konnessa mat-talba tal-attur u mhux

gejja mill-istess fatt, jew mill-istesss kuntratt jew titolu li minnu gejja it-talba tal-attur. L-attur jeccepixxi ukoll li l-art li dwaha l-konvenut qed jitlob dikjarazzjoni fil-fatt jahdimha l-istess attur u ila fil-pusses tieghu zmien twil. Il-konvenut ma ghandu ebda raba imqabbla favor tieghu. Ma hemm ebda ftehim dwar liema parti kull wiehed mill-ahwa ser izomm u l-uniku pussessur tar-raba in kwestjoni hu in effett l-attur;

Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ghalhekk qed jippretendu li huma ghandhom il-pussess esklusiv ta' partijiet mir-raba in kwestjoni u t-tnejn qed jitolbu li jkun hemm dikjarazzjoni li tinsancixxi dan il-fatt ad eskluzjoni tal-parti l-ohra;

Mill-provi jirrizulta li r-raba kollu in kwestjoni hu proprjeta tal-Gvern ta' Malta li tramite d-Dipartiment tal-Artijiet jikri l-istess raba lill-familja tal-kontendenti, ghalhekk inkluzi ukoll l-istess kontendenti. In effett jirrizulta li l-inkwilini rikonoxxuti tar-raba huma l-partijiet f'din il-kawza flimkien ma huthom l-ohra. Jirrizulta ukoll li l-istess raba hu detenut mill-imsemmija inkwilini indivisament bejnithom. Jidher ukoll li l-partijiet u huthom ittantaw jiddividu r-raba pero' ma waslux fi ftehim finali;

Ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta li l-partijiet ftehemu liema partijiet tar-raba ser jahdem wiehed jew l-iehor. La darba l-inkwilini kollha ghandhom kirja favur taghhom tar-raba kollu indivisament bejnithom ma jista qatt ikun hemm dikjarazzjoni li teskludi lill wiehed jew l-iehor mid-detenturi milli jidhol f'xi parti tar-raba. Jista jkun lihemm ftehim bejn il-partijiet u d-detenturi l-ohra ta' liema parti mir-raba kull wiehed u wahda minnhom qed jahdem pero' dan il-ftehim ma jghati ebda pussess esklussiv ta' xi parti jew ohra mir-raba;

Ghalhekk irrispettivament tal-varji eccezzjonijiet preliminari sollevati minn parti jew minn ohra it-talbiet fil-mertu kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenut ma jistaghu qatt jigu akkolti. Jista pero' jigi puntwalizzat, f'dan l-istadju,

li ma jirrizulta xejn irregolari ghar-rigward ta’ kif saret il-kontro-talba tal-konvenut;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------